**14 ta' Settembru, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Reginald Cilia

*versus*

Lionel Pugliesevich

**Kwerela — "Fair comment" — "animus injurandi".**

*Sabiex tiġi ammessa d-difiża tal-"fair comment" jinħtieġ illi l-kliem tal-komment ikun tali illi ma jeċċedux il-limiti raġjonevoli tal-istess komment.*

Fuq kwerela 'al-imsemmi Cilia għal inġurja, l-imsemmi Pugliesevich, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Lulju 1963 ġie misjub ħati, iżda ġie mogħti lilu l-benefiċċju tal-liberazzjoni kondizzjonali;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat —

Il-fatti kienu dawn — il-kwerelant Cilia huwa kollettur awtorizzat tal-General Workers' Union u, f'din il-kwalità tiegħu, mar jiġbor il-misata minn għand xi impjegati tad-Dockyard fis-Section, li kap tagħha hu l-kwerelat Pugliesevich. Filwaqt li l-kwerelant Cilia u l-impjegat Grech kienu qegħdin jiddiskutu dwar xi dettal tal-ħlas, intervjena l-kwerelat Pugliesevich, u qal il-kliem li issa ġew inkriminati mill-kwerelant. Hemm żewġ versjonijiet ta' dawn il-kliem, u l-provi ma humiex tali li jista' jiġi stabbilit b'ċertezza liema hija l-versjoni eżatta, — ċert però, li waħda minhom intqalet. Il-versjoni tal-kwerelant hi fis-sens li l-kwerelat qal "...intom ħallelin...għaliex min jieħu l-flus ta' xejn hu ħalliel" — Il-versjoni l-oħra hija dik tal-kwerelat fis-sens tal-kliem "Min jiġbor il-flus u ma jagħtix is-servizz tagħhom, ikun qed jisraqhom" —

Verament ma hemmx bżonn li tingħażel versjoni waħda mill-oħra, għaliex it-tnejn huma ekwipollenti, in kwantu li min jisraq hu ħalliel, u min hu ħalliel ikun seraq, u, per konsegwenza, il-Qorti sejra timxi fuq l-assunt li l-kliem kienu "Min jiġbor il-flus u ma jagħtix is-servizzi tagħhom ikun qed jisraqhom".

Ikkunsidrat:

Issa ċertament dawn il-kliem ma jistgħux jiġu avulsi mill-kontest li fih intqalu, li kien dan li ġej, — kienet qamet kwistjoni jekk in-non-industrials fid-Dockyard għandhomx

ikunu rappreżentati mill-General Workers' Union, ossija mill-Malta Technical and Clerical Association, li tagħha hu segretarju l-kwerelat. Meta żvolġa ruħu l-inċident odjern, il-Bord, li kien innomina l-Gvern biex jinvestiga din il-kwistjoni, kien diġà wasal għall-konklużjoni tiegħu, li kienet favorevoli għas-soċjetà, li tagħha hu, kif ingħad, segretarju l-kwerelat. Iżda, il-General Workers Union ma kienitx aċċettat dak il-**finding** u, in segwitu tal-protest tal-Union, Il-Council of Administration, li jiġġestixxi d-Dockyard kien ta' temporaneament "a dual recognition" sakemm tittieħed deċiżjoni finali. Sadattant, l-Union baqgħet tiġbor il-misata minn għand l-impjegati. Kien f'dan il-kliema li l-kwerelat, wara li qal li l-Union kienet ippromettiet li tirrestitwixxi dawk il-miżati f'każ ta ' eżitu sfavorevoli tad-deċiżjoni finali, kompla aktar tard jgħid il-kliem fuq riportati, u aċċettati mill-Qorti bħala l-materja tal-fatt;

Ikkunsidrat:

Id-difiża, għalhekk, qegħda ssostni illi, meta wieħed jiżen dawk il-kliem fuq l-isfond tal-kontest li fih intqalu, allura ma hemmx ir-reat ta' inġurja; u appuntu din hija l-kwistjoni legali li għandha issa teżamina din il-Qorti;

Ikkunsidrat fuq din il-kwistjoni —

Jekk wieħed japprofondixxi l-argument tad-difiża, isib li in sostanza, il-kwerelat qiegħed jinvoka favur tiegħu l-eċċezzjoni tal-**fair comment**, għaliex huwa qiegħed isostni li l-kliem li qal ma kienux diffamanti, in kwantu li kienu jikkostitwixxu **komment ġust** fuq iċ-ċirkostanzi tal-inċident, kif fuq dettaljati;

Din il-Qorti tirrileva li d-difiża tal-"fair comment" ma hijiex **stricto jure** limitata għar-reati ta' inġurja permezz ta' l-istampa, imma hi utilizzabili anki f'każijiet oħra. Jgħidu l-

awturi Hickson & Carter Ruck, fil-klieb tagħhom "The Law of Libel and Slander" p. 119,

> "This is not a defence available only to newspapers and journalists. Every one of Her Majesty's subjects has the right to comment fairly and honestly on matters of public interest".

Dawn l-awturi jiċċitaw sentenza tal-Judicial Committee tal-Privy Council, fejn ingħad li l-limitazzjoni ta' dik id-difiża għall-ġurnalisti kienet "a time-worn fallacy".

L-istess ħaġa jgħidu l-awturi O'Sullivan & Brown, fit-test tagħhom "The Law of Defamation" p. 113 —

> "The defence of fair comment is available to all Her Majesty's subjects — it is not the peculiar privilege of the Press"

u aktar tard —

> "The right of fair comment is one of the fundamental rights of free speech and writing..."

Dan li ngħad jinkwadra ruħu fis-sistema Malti f'dan il-mod; — Jgħid il-FROLA (Ing. e Diff. paġ. 10) "Fu detto — "Iniuria ex affectu facientis consistit" per dimostrare che in qualsiasi reato contro l'onore la base ossia il punto di partenza sta nella spinta morale..." — Hu ovvju, għalhekk, li lill-imputat għandu jkun leċitu li jipprova li l-kliem lilu addebitati, fil-kwadru taċ-ċirkostanzi u tal-kontest li ntqalu, ma kienux akkompanjati bl-intenzjoni difamatriċi, imma biss bl-intenzjoni li jsir komment ġust, moderat, onest u doverus, bla eċċessi u sekondi fini, u mingħajr il-movent ta' interessi oħra, u b'dan il-mod jeskludi fiċ-ċirkostanzi kongrui l-element

psikoloġiku tal-inġurja ċioè **l-animus injurandi;**

Issa, minbarra rekwisiti oħra, li jeħtieġu biex tiġi ammessa mill-Qrati din id-difiża tal-**fair comment,** hemm anki dik li l-kliem tal-komment ikunu tali **li ma jeċċedux il-limiti raġonevoli** ta' l-istess komment.

Jgħidu Hickson & Carter-Ruck (loc. cit. paġ. 126) —

> "Malice may be inferred from the **language** in which the criticism is expressed...it has been laid down that the right to comment must **not be used as a mere cloak for invective".**

Kif sewwa rrileva l-Imħallef Bowen, fil-kawża Merivale and wife v. Carson. 20 Q.B. Div., f'din id-difiża tal-**fair comment** hemm limitazzjoni **"upon the mode of expression".**

Jiġi rilevat li fis-sentenzi tal-Qrati Ingliżi — li, f'materja ta' difamazzjoni, kienu dejjem utili għall-ġurisprudenza nostrali. — intusat — in relazzjoni għall-fair comment — il-kelma "reasonable", jew il-kelma "moderate", jew il-kelma "temperate", — issa kif jispjega l-Gateley "On Libel and Slander" page 354, l-użu ta' dawn il-kliem ma jfissrux li l-komment ma jibqax "fair" ankorkè l-kliem ikunu ftit vivaċi jew esaġerati, **imma basta ma jkunx hemm dak li jissejjaħ "invective".**

Ikkunsidrat:

Fuq il-gwida ta' dawn il-prinċipji ma hux diffiċli li tintlaħaq il-konklużjoni fil-każ preżenti. Sabiex il-kwerelat jikkommenta fis-sens tal-assunt tiegħu f'dak l-inċident, ma kienx hemm bżonn li huwa juża l-kelma ta' **serq.** Hu seta' liberament jesprimi l-konċett tiegħu billi juża per eżempju l-kliem

"ikun qed joħodhom ta' xejn" — ossija "ma jkunx qed jagħmel ħaġa sewwa" jew xi kliem ieħor ekwipollenti, — iżda, huwa eċċena meta wża kelma, li, per se, hija gravament inġurjuża bħala indikativa ta' delitt. Dan l-eċċess — li jammonta għal "mere invective" — jiddiżintitola lill-kwerelat għad-difiża minnu akkompata, għaliex ma hux **fair il-comment** jekk tkun ġiet wżata kelma li tammonta, mhux biss għall-mod spint jew esaġerat jew vibrat jew vivaċi, imma għal "mere invective".

Il-fatt li l-kwerelat huwa s-segretarju tas-soċjetà li f'din il-kwistjoni tar-**recognition** hi avversa għal General Workers' Union, li tagħha hu kollettur l-kwerelant, lungi milli jgħin lill-kwerelat, jista' jippeġġoralu l-pożizzjoni tiegħu, li ssir, kif opportunament jirrivelaw Hickson & Carter-Ruck, loc. cit. p. 126 "perilous", inkwantokkè jista' fiċ-ċirkostanzi kongrui jiġi inġenerat is-sospett li l-komment sar **invective**, appuntu minħabba dik il-kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Id-difensur tal-kwerelat invita lill-Qorti li tippondera anke l-pont li, se mai, l-inġurja kienet mhux għad-dannu tal-kwerelant, iżda għad-dannu tal-General Workers' Union, peress li l-kwerelant ma hux ħlief sempliċi mpjegat.

Ma jidhirx li dan l-argument hu bażat. Il-bniedem li, fil-fatt, kien **actu** qiegħed jiġbor il-flus kien il-kwerelant, u l-kelma, li tikkostitwixxi l-invective, kienet appuntu in relazzjoni għall-ġbir tal-flus. Dawk li kienu preżenti ċertament ma kienux sejrin jagħmlu xi ditinzjoni sottili bejn karika impenjativa u karika modesta fil-General Workers' Union, imma kellhom quddiemhom il-persuna li kienet qegħda tiġbor il-flus, u l-kelma oġġezzjonata kienet appuntu in relazzjoni għall-fatt. Kien **qed jiġi kompjut mill-kwerelant dak il-mument stess, u**

kwindi il-kliem komprensiv tal-kwerelat kien naturali li ftehmu anki għal kwerelant stess;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell, u tikkonferma s-sentenza appellata,bl-ispejjeż kontra l-kwerelat appellant. Drittijiet tad-difensuri **uti infra.**

Omissis.